

32001D0873

L 325/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.12.2001

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI  
ta' l-4 ta' Diċembru 2001**

**li tikkorreġi d-Direttiva 2001/22/KE li tistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għal kontroll uffiċjali tal-livelli taċ-ċomb, kadmju, merkurju u 3-MCPD fil-prodotti ta' l-ikel**

(notifikata permezz tad-dokument numru C(2001) 3913)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/873/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 85/591/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar l-introduzzjoni tal-metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għas-sorveljanza ta' oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum tal-bniedem <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/22/KE tat-8 ta' Marzu li tistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni għal kontroll uffiċjali tal-livelli taċ-ċomb, kadmju, merkurju u 3-MCPD fl-oġġetti ta' l-ikel <sup>(2)</sup> tistabbilixxi u tarmonizza l-miżuri tekniċi għat-teħid ta' kampjuni u metodi ta' analiżi li għandhom jintużaw għas-sorveljanza tal-kontaminanti involuti.
- (2) Fit-test ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* żball materjali feġġ fid-data ta' meta għandhom jid-daħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi mill-Istati Membri sabiex ikunu jaqblu mad-direttiva t'hawn fuq.

(3) Huwa meħtieġ li tiġi kkoreġuta d-Direttiva 2001/22/KE kif xieraq.

(4) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/22/KE "il-5 ta' April 2000" hi mibdula b' "il-5 ta' April 2002".

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Diċembru 2001.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 372, tad-31.12.1985, p. 50.

<sup>(2)</sup> ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 14.